**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 15 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 286/01 AJD**

**Carmelo Tabone et**

**vs**

**Donald Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' April, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100.00), prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi nomine stante li kull merkanzija mixtrija minghand l-atturi hu hallas ghalija, u ghalhekk m'ghandu jaghti xejn lill-atturi.

Ra l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ai termini tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra s-sentenza tas-27 ta' Frar, 2002, fejn giet michuda l-eccezzjoni ta'

preskrizzjoni sollevata mil-konvenut.

Sema' x-xhieda tal-attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ra li l-konvenut ma ressaqx provi sabiex jissostanzja l-eccezzjonijiet tieghu fil-mertu.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes jithallsu interament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**